GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT TAR-RIĊERKA U L-EVALWAZZJONI INTERNA TAL-ISKEJJEL

# Direttorat tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni Interna tal-Iskejjel (RSIRD) fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żagħżagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR)

## Politika dwar il-Protezzjoni tad-Data
## Fir-rigward tad-Data Warehouse Solution

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679 u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap 586), inklużi r-regolamenti li jaqgħu taħtu, jirregolaw l-ipproċessar ta' data personali kemm jekk tinżamm elettronikament jew f'forma manwali jekk tifforma parti minn sistema ta' arkivjar. RSIRD fi ħdan MEYR huwa stabbilit biex jikkonforma bis-sħiħ mad-dispożizzjonijiet applikabbli tal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

**Bażi Legali u Skopijiet tal-Ipproċessar**
Il-bażi legali u l-finijiet tal-ipproċessar fir-rigward tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar imwettqa minn RSIRD fi ħdan MEYR huma dawn li ġejjin:

| Operazzjoni tal-Ipproċessar | Bażi Legali biex tipproċessa | Raġunijiet għall-Ipproċessar |
|---|---|---|
| RSIRD fi ħdan MEYR jiġbor u jipproċessa data personali u psewdonimizzata ta' studenti rreġistrati ma' Istituzzjonijiet tal-Edukazzjoni tal-Istat. | Biex twettaq il-funzjonijiet u l-obbligi legali tagħha mogħtija lill-awtorità tagħha mill-Artikolu 14(1), (2), u (3) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 605 tal-Liġijiet ta' Malta). | L-ipproċessar ta' data personali psewdonimizzata ta' studenti rreġistrati fl-Edukazzjoni tal-Istat huwa meħtieġ għall-inklużjoni ta' dan is-sett ta' data fid-Data Warehouse Solution, li l-objettiv tagħha huwa li tiċċentralizza l-ġbir, l-integrazzjoni u l-aċċess ta' data relatata mal-edukazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tat-Tluq Bikri mill-Edukazzjoni u t-Taħriġ (ELET). Dan jippermetti l-ġenerazzjoni ta' għarfien xprunat mid-data, u l-implimentazzjoni ta' interventi mmirati li għandhom l-għan li jnaqqsu r-rati tal-ELET u jappoġġjaw il-kisba tal-objettivi nazzjonali tal-edukazzjoni. |

**Data Personali u Kategoriji Speċjali ta' Data Personali**

Il-kategoriji ta' data personali u l-kategoriji speċjali ta' data personali li se jiġu pproċessati huma kif ġej:

| Kategoriji ta' data personali | Kategoriji speċjali ta' data personali | Sors/i |
|---|---|---|
| Data tar-Reġistrazzjoni tal-Istudenti tal-Iskejjel tal-Istat li tinkludi data dwar l-attendenza, data dwar il-klassi/il-kors, data dwar il-lokalità tal-iskola u tal-unità domestika, data dwar is-sess, data dwar in-nazzjonalità u | Data relatata mal-oriġini razzjali jew etnika f'termini ta' nazzjonalità. | MIS MySchool Data |

| | | |
|---|---|---|
| informazzjoni dwar support li jingħata mill-iskola | | |
| Data li tindika reġistrazzjoni għall-Għotjiet ta' Stipendji lill-Istudenti fl-Iskejjel tal-Istat | | Data tal-Bord tal-Għotjiet ta' Manteniment lill-Istudenti |
| Data taċ-Ċertifikati tat-Tluq mill-Iskola Sekondarja u t-Tfassil tal-Profili (SSC&P) tal-Iskejjel tal-Istat | | Data taċ-Ċertifikati tat-Tluq mill-Iskola Sekondarja u t-Tfassil tal-Profili (SSC&P) tal-Iskejjel tal-Istat |
| Data tal-kisbiet tal- MATSEC O-Level | | MATSEC O-Level Attainment Data |
| Data dwar ir-riżultati passati tal-Benchmark tas-Sitt Sena fl-Iskejjel tal-Istat | | Data tal-Benchmark tas-Sitt Sena |
| Data tal-istudenti fil-Good Shepherd Scheme li jibdew jattendu Skola tal-Istat | | Data tal-Good Shepherd Scheme |
| Kisbiet tal-Likert Scale tal-miri tal-IEP tal-Istudenti tal-Iskejjel tal-Istat | | Miri tal-IEP tal-Istudenti |

**Riċevituri ta' Data Personali**
Id-Data Personali se tiġi żvelata lill-Awtoritajiet u l-Istituzzjonijiet tal-Gvern matul it-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom u, jew l-eżerċizzju tas-setgħat tagħhom. L-iżvelar jista' jsir ukoll lil partijiet terzi iżda biss kif awtorizzat mil-liġi.

**Trasferiment ta' Data Personali barra l-Unjoni Ewropea (UE)**
Id-data personali tista' tiġi ttrasferita biss barra mill-UE f'konformità mal-kundizzjonijiet għal tali trasferimenti stabbiliti fil-GDPR jiġifieri l-Artikolu 46(2)(c) tar-Regolament (UE) 2016/679.

Id-data personali kollha għandha tiġi psewdonimizzata mill-kontrollur qabel it-trasferiment tad-data personali lill-proċessur stabbilit fl-Indja.

**Id-Drittijiet tiegħek**
Id-drittijiet tiegħek bħala suġġett tad-data b'rabta mal-ipproċessar tad-data personali tiegħek huma:

- Id-dritt li tirċievi kopja tad-data personali tiegħek li tkun qed tiġi pproċessata, inkluża informazzjoni relatata mal-attivitajiet tal-ipproċessar.
- Id-dritt li titlobna nirrettifikaw id-data personali li taħseb li mhijiex tajba. Għandek ukoll id-dritt li tikseb il-kompletezza tad-data personali li taħseb li mhix kompluta.
- Id-dritt li titlob it-tħassir tad-data personali tiegħek f'ċerti ċirkostanzi.
- Id-dritt li titlob ir-restrizzjoni tad-data personali tiegħek f'ċerti ċirkostanzi.
- Id-dritt għall-portabbiltà tad-data personali tiegħek fir-rigward tal-informazzjoni li tajtna.
- Id-dritt li toġġezzjona għall-ipproċessar tad-data personali tiegħek jekk qed nipproċessaw l-informazzjoni tiegħek abbażi tal-kompiti pubbliċi tagħna jew għax huwa fl-interessi leġittimi tagħna.
- Id-dritt li wieħed ma jkunx soġġett għal deċiżjoni bbażata biss fuq ipproċessar awtomatizzat inkluż it-tfassil ta' profili.
- Id-dritt li tirtira l-kunsens tiegħek fi kwalunkwe ħin, fejn applikabbli.

It-talbiet biex teżerċita d-drittijiet tiegħek huma bla ħlas u preferibbilment għandhom isiru bil-miktub u jintbagħtu lill-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data tal-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) Id-dettalji ta' identifikazzjoni tiegħek bħan-numru tal-ID, l-isem u l-kunjom iridu jiġu

sottomessi mat-talba għall-fini tal-verifika tal-identità tiegħek. F’każ li l-kontrollur ikollu dubji raġonevoli dwar l-identità tiegħek, tista’ tintalab tipprovdi informazzjoni addizzjonali meħtieġa biex tikkonfermaha.
RSIRD fi ħdan MEYR għandu l-għan li jwieġeb it-talba malajr kemm jista’ jkun bl-obbligu li ma jkunx hemm dewmien żejjed u li jwieġeb mhux aktar tard minn xahar (1) minn meta jirċievi t-talba.

Id-dritt eżerċitat mis-suġġett tad-data jista’ jkun limitat jew ristrett, fejn meħtieġ, skont il-liġi applikabbli.

**Politika ta’ Żamma**

L-iskeda li ġejja tiddeskrivi r-rekwiżiti ta’ żamma għad-diversi kategoriji ta’ dokumentazzjoni minn RSIRD fi ħdan il-MEYR.

| Kategorija ta’ Dokument | Perjodu taż-Żamma | Ġustifikazzjoni |
|---|---|---|
| Data tar-Reġistrazzjoni tal-Istudenti fl-Iskola tal-Istat li tinkludi data dwar l-attendenza, data dwar il-klassi/il-kors, data dwar il-lokalità tal-iskola u tal-unità domestika, data dwar is-Sess u n-Nazzjonalità u informazzjoni dwar School Aid | Sakemm l-istudent jagħlaq 24 sena | Biex tkun analizzata tali informazzjoni matul is-snin bil-għan li tkun tista’ tinkiseb informazzjoni statistika predittiva li se tassisti lid-Direttorat fl-identifikazzjoni u l-assistenza lil studenti li potenzjalment se jkollhom tluq bikri mill-iskola (Early School Leavers (ESL)), kif ukoll tkun tista’ tassisti lill- Amministraturi fi ħdan id-Direttorat fid-deċiżjonijiet u t-tfassil tal-politika. |
| Data li tindika reġistrazzjoni għall-Għotjiet ta’ Stipendji lill-Istudenti fl-Iskejjel tal-Istat | Sakemm l-istudent jagħlaq 24 sena | L-istess bħal hawn fuq |
| Data taċ-Ċertifikati tat-Tluq mill-Iskola Sekondarja u t-Tfassil tal-Profili (SSC&P) tal-Iskejjel tal-Istat | Sakemm l-istudent jagħlaq 24 sena | L-istess bħal hawn fuq |
| Data tal-kisbiet tal- MATSEC O-Level | Sakemm l-istudent jagħlaq 24 sena | L-istess bħal hawn fuq |
| Data tal-Benchmark tas-Sitt Sena fl-Iskejjel tal-Istat | Sakemm l-istudent jagħlaq 24 sena | L-istess bħal hawn fuq |
| Data tal-istudenti fil-Good Shepherd Scheme li jibdew jattendu Skola tal-Istat | Sakemm l-istudent jagħlaq 24 sena | L-istess bħal hawn fuq |
| Kisbiet tal-Likert Scale tal-miri tal-IEP tal-Istudenti tal-Iskejjel tal-Istat | Sena wara li l-istudent ikun spiċċa l-ħdax-il sena u ma jkunx irreġistrat fi skola tal-istat | L-istess bħal hawn fuq |

Id-data li jeħtieġ li titħassar wara l-perjodi ta’ żmien stabbiliti se tinqered b’mod sigur biex jiġi żgurat li tali informazzjoni ma tibqax tiġi pproċessata minn RSIRD fi ħdan MEYR.

**L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data**
L-Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-Data jista' jiġi kkuntattjat fuq:

Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żagħżagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti
Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, VLT 2000

Telefown: +356 25981233
Email: dpo.meyr@gov.mt

**Il-Kontrollur tad-Data**

Direttorat tar-Riċerka u l-Evalwazzjoni Interna tal-Iskejjel jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żagħżagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni
Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti
Triq l-Assedju l-Kbir, il-Furjana, VLT 2000

Telefown: +356 25982442/3
Email: rsird.meyr@gov.mt

**Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data**
Għandek id-dritt li tressaq ilment quddiem l-awtorità superviżorja, li tista' tintlaħaq billi tuża d-dettalji ta' kuntatt li ġejjin:

Il-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data
Airways House,
Triq il-Kbira
Tas-Sliema SLM 1549

Telefown: +356 2328 7100
Email: idpc.info@idpc.org.mt
Sit: https://idpc.org.mt